MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2008

Numru. 686/2007

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Anthony Vella bin Mariano u Maria nee' Portelli, imwieled fil-11 ta' Lulju, 1967 u residenti Qalb ta' Gesu,
Triq l-Isptar San Giljan, Fontana, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 303067(M)**

**u**

**Peter Bonnici bin Louis u Martha nee' Zerafa, imwieled fid-9 ta' Jannar, 1966 u residenti, The Willows,
Triq il-Qighan, Ghajnsielem, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 1866(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmija Anthony Vella u Peter Bonnici li gew akkuzati talli bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-licenzja li tippermetti t-tqeghid ta' mwejjed u siggijiet ai termini tal-artikolu 15(1) tal-Avviz Legali 128 ta' l-2002 kif sussegwentement emendat nhar id-09.07.2007 ghal habta tal-04:30p.m. Anthony Vella bhala detentur tal-licenzja u ghalhekk persuna responsabbli mit-tmexxija tal-istabbiliment Great White Bar li qieghed f'Xatt ix-Xlendi, Xlendi limit tal-Munxar, Ghawdex u Peter Bonnici bhala operatur ta' l-imsemmi stabbiliment pggew jew ippermettew li jitpoggew imwejjed u siggijiet barra l-istabbiliment f'Xatt ix-Xlendi minghajr licenzja tal-Awtoritajiet Kompetenti:

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-istabbiliment Great White Bar almenu fid-data ta-akkuza ma kellu l-ebda licenzja sabiex jitqieghdu mwejjed u siggijiet barra l-istabbiliment. Illi d-detentur tal-licenzja huwa fil-fatt l-imputat li madanakollu ppermetta li jitqieghdu mwejjed u siggijiet barra l-istabbiliment tieghu meta kien jaf li licenzja ma kienx hemm. Inoltre Peter Bonnini jirrizulta illi fid-data in kwistjoni kien operatur ta' dan il-fond bhala sostitut fl-istabbiliment bl-indirizz 1, Xatt ix-Xlendi, Xlendi u kien ippermetta li jiqieghdu mwejjed u siggijiet barra l-istabbiliment meta hu jaf illi ma kienx hemm licenzja f'dan ir-rigward. Il-kwistjoni dwar jekk dan il-fond kienx qed jigi operat taht l-isem Moby Dick hija irrelevanti peress illi s-sid u cioe' l-imputat Anthony Vella kera dan il-fond u kwindi baqa' respomsabbli ghal-istess;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikolu 15 (1) tal-Avviz Legali 128 tal-2002, issib lill-imputati hatja u

tikkundannahom multa ta' mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) kull wiehed.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------